# Il-Graffiti li ġie rritornat bi Qrara

John Cremona

Meta wieħed jaqbad il-passaġġ tal-għelieqi faċċata tal-Għadira ta' Sarraflu u jibqa' miexi mat-tarf tassies sakemm jasal fuq ir-riħ tad-Dwejra, għandu jilmaħ bħal kamra kwadra mqatta' fil-blat tal-franka b'ħames niċeċ kwadri mad-dawra tagħha. Fuq barra mqatta' fil-wiċċ tal-blat wieħed jilmaħ diversi gandotti u spieri. Dan huwa santwarju li kien jintuża bejn wieħed u ieħor bejn ir-raba' u t-tielet seklu qabel Kristu meta Għawdex, bħal Malta, kien taħt il-ħakma tal-Puniċi.

Dan is-santwarju huwa uniku fl-għamla tiegħu għall-gżejjer Maltin u minħabba f'hekk kien ġie skavat mill-*Missione Archeologica a Malta* tal-Università tal-Istudji ta' Ruma. Ir-rapporti dwar dan l-iskav ġew ippubblikati mill-istess Università bejn is-snin 1964 u 1966. Minkejja li saru skavi xjentifiċi, ma nstabet ebda indikazzjoni dwar liema allat kienu jiġu meqjuma f'dan il-post. F'waħda min-niċeċ kien hemm graffit jew tinqixa fil-blata ta' figura wieqfa b'dirgħajha miftuħa beraħ u sinjal dritt għaddej minn ras il-figura 'l fuq. Dan il-graffit kien l-aktar wieħed ċar minn numru ta' graffiti li kienu jeżistu f'dan il-post.

Fit-30 ta' Marzu 1988 sar rapport lill-Pulizija li l-graffit kien ġie misruq. Persuna jew persuni mhux magħrufa kellhom il-ħin kollu għad-dispożizzjoni tagħhom biex iqattgħu l-blat madwar dan il-graffit sakemm dan inqata' minn mal-ħajt. Ma deher qatt aktar u ħadd ma sema' aktar bih għal aktar minn għoxrin sena. Kienet telfa mhux biss għal Għawdex imma għal dawk kollha li kellhom għal qalbhom l-arkeoloġija Feniċja-Punika.

Ġurnata fost l-oħrajn qassis informa lill-awtoritajiet f'Għawdex li l-persuna jew persuni li kellhom fil-pussess tagħhom dan il-graffit riedu jirritornawh taħt is-sigriet tal-Qrar. Wara bosta taħbit, il-graffit ġie mgħoddi lis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali. Imma tfaċċa intopp ieħor għaliex il-post li minnu ġie misruq dan il-graffit huwa propjetà privata u allura l-graffit kien jappartieni lil sid il-post. B'xorti tajba u b'mod altruwistiku sid il-post irrinunzja għal dan il-graffit favur l-Istat, mingħajr ebda pretensjoni. Il-graffit ġie muri għall-ewwel darba fil-pubbliku waqt wirja li ttellgħet fiċ-Ċittadella fl-okkażjoni ta' *Lejlet Lapsi Notte Gozitana* tas-sena 2011.

Xi studjużi jaraw fil-figura mnaqqxa f'dan il-graffit is-simbolu ta' Tanit, alla tal-Feniċi; oħrajn



*Il-graffit kif kien jidher f'waħda min-niċeċ tas-santwarju Puniku ta' Ras il-Wardija qabel insteraq.*

jinterpretaw dan is-simbolu bħala fdal tal-kult ta' Mitra, kult misterjuż ipprattikat fl-Imperu Ruman fl-ewwel sekli wara Kristu; filwaqt li oħrajn jaraw fil-figura tal-persuna b'dirgħajha miftuħa r-rappreżentazzjoni tal-Kurċifiss, peress li jista' jkun li fil-Medjuevu dan il-post intuża wkoll mill-Insara.

Jibqa' l-fatt li dan il-graffit huwa mdawwar mill-misteri u forsi qatt ma se nkunu nafu biċ-ċert x'jirrappreżenta, kif qatt ma ser inkunu nafu l-motiv għaliex ittieħed u x'ġiegħel ir-ritorn tiegħu.

Iżda mill-ħażin dejjem toħroġ xi ħaġa tajba! Minħabba li l-post huwa miftuħ u espost għall-elementi, qed issir ħafna ħsara lill-ġebla minħabba l-erożjoni jew it-tikħil tal-ġebla mill-elementi bħar-raxx tal-baħar u r-riħ qawwi. Li kieku l-graffit baqa' f'postu, jista' jkun li sal-lum kien jintilef. Illum dan il-graffit għadu jista' jitgawda fil-Mużew tal-Arkeoloġija fiċ-Ċittadella.